A.L. 86 ta' l-2008

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL
(KAP. 449)

Regolamenti ta' l-2008 dwar Żjieda ta' Vitamini u Minerali u ta' ċertu Sustanzi oħra fl-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 dwar Żjieda ta' Vitamini u Minerali u ta' ċerti Sustanzi oħra fl-Ikel.

(2) Dawn ir-regolamenti jikkonsistu fid-dispożizzjonijiet neċessarji għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru. 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru, 2006 dwar Żjieda ta' Vitamini u Minerali u ta' ċertu Sustanzi oħra fl-Ikel.

Ħatra ta' l-Awtorità Kompetenti.

2. Id-Direttorat responsabbli għal oġġetti ta' l-ikel fl-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* qiegħed hawnhekk jiġi maħtur bħala l-awtorità nazzjonali responsabbli msemmija fir-Regolament (KE) Nru.1925/2006, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-Awtorità Kompetenti.

Notifikazzjoni lill-Awtorità Kompetenti.

3. (1) Sabiex tiffaċilita monitoraġġ effiċjenti, meta xi ikel li fuqu ġew miżjuda l-vitamini u l-minerali, u ikel li jkollu sustanzi li huma mniżżlin f'Anness III, Partijiet B u Ċ, tar-Regolament (KE) Nru. 1925/2006, jitqiegħed fis-suq għall-ewwel darba, il-manifattur jew l-importatur għandu jinnotifika lill-Awtorità Kompetenti billi jagħti eżemplari tat-tikketta wżata għall-prodott.

(2) Fil-każ ta' ikel li tqiegħed fis-suq qabel ma ddaħħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti, in-notifikazzjoni preskritta fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandha ssir sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008. Oġġetti ta' l-ikel li ma kinux ġew notifikati sa dik id-data għandhom jitneħħew mis-suq bi spejjeż tal-manifattur jew ta' l-importatur.